MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1750/2000/1

**Ignazio Debono.**

**-vs-**

**Ic-Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar in rappresentanza tal-Awtorita'.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-21 ta' Awissu 2000, li permezz taghha l-attur ppremetta:

Li l-attur jippossedi bicca art fi Triq Kumbanta, Haz Zebbug, li fil-1993 il-Gvern kien beda l-proceduri biex jesproprijha.

Li mill-1993 ‘l hawn saru zviluppi godda fl-area in kwistjoni u llum ma ghadx hemm l-iskopijiet pubblici originali ghall-espropriazzjoni tal-art, u ghalhekk l-attur qieghed jitlob li l-art in kwistjoni tintelaq mill-Gvern.

Li meta l-attur intima lill-Awtorita’ tal-Ippjanar biex ma taghtix permess ghall-formazjoni ta’ triq fuq l-art in kwistjoni, l-Awtorita’ irrispondiet li ma tistax ma taghtix permessi ghall-ftuh tat-triq eventwali jekk tigi sottomessa tali applikazzjoni (Dok. A); u peress tali dikjarazzjoni tal-Awtorita’ turi li l-Awtorita’ irrinunzjat li tesplika d-doveri taghha li tezamina tali eventwali applikazzjonijiet oggettivament u skond il-ligi.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

Tiddikjara li l-pozizzjoni mehuda mill-Awtorita’ kif spjegata fl-ittra ufficjali taghha tat-23 ta’ Awissu 2000 (Dok. A), u li skond il-ligi, l-Awtorita’ ghandha, f’kaz ta’ applikazzjoni eventwali ghall-formazzjoni tat-triq fuq l-art in kwistjoni fi Triq Kumbanta, Haz Zebbug, tezamina l-applikazzjoni oggettivament billi tiehu in konsiderazzjoni kull oppozizzjoni li l-attur tal-volta jaghmel ghall-hrug tal-permessi mitluba, u tiddikjara li f’tali eventwalita’ l-attur m’ghandux bil-hrug ipso facto tal-permessi ikun ipprivat mid-drittijiet skond il-ligi, li jikkontesta quddiem l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar it-talba eventwali ghall-hrug ta’ permessi ghall-formazzjoni ta’ triq fuq l-art in kwistjoni.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita’ konvenuta inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Mejju 2000 u l-mandat ta’ inibizzjoni u l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Awissu 2000.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-12 ta' Ottubru 2000 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet:

Preliminarjament l-azzjoni kontra l-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar hi ritta u nulla stante li t-talbiet kif maghmula b'din ic-citazzjoni ma kienux preceduti b'ittra ufficjali jew protest in konnessjoni ma' l-istess talbiet skond il-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tissindika u tiddeciedi minn qabel l-operat ta' l-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar u dan qabel ma biss ma ssir applikazzjoni.

Illi subordinanatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar f'kaz li jkun hemm applikazzjoni dejjem timxi skond il-procedxuri stabbili taht l-Att I ta' l-1992 u qatt ma gie ddikjarat li jekk issir l-applikazzjoni din il-procedura mhiex ser tintuza.

Subordinatament ukoll, l-istess Awtorita' tirrizerva li taghti eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn stante li c-citazzjoni prezentata lilha kienet miktuba bl-idejn u bil-ftit hi legibbli u jista' ikun illi inqabez xi haga fit-talbiet jew fic-citazzjoni ta' l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar u 4 ta' Ottubru 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidrat.

Illi l-attur qed jitlob li din il-Qorti tordna lill-awtorita' konvenuta illi meta jkun il-kaz tezamina l-applikazzjoni oggettivament u skond il-parametri tal-ligi u ghalhekk id-dikjarazzjoni kontenuta fl-ittra ufficjali responsiva tal-konvenuta tat-23 ta' Awwissu 2000 ma hijex korretta.

Il-konvenuti qed jeccepixxu, fost eccezzjonijiet ohra illi l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni ghaliex il-Qorti ma jistax ikollha gurisdizzjoni illi tissindika minn qabel l-operat tas-socjeta' konvenuta.

Il-Qorti ma tarax li dan hu l-kaz. L-attur gie rinfaccjat bl-ittra ufficjali illi nformatu minn qabel li jekk issir l-applikazzjoni, hija ma tisax tirrifjutaha. Naturalment il-Qorti ghad trid tiddecidi jekk meta ghamlet hekk l-Awtorita' kienitx iddecidiet diga' applikazzjoni li ghad trid tigi quddiemha, ghaliex din hija eccezzjoni apparti u tidhol fil-mertu tal-kaz. Madankollu il-Qorti ma tarax ghaliex ma ghandhiex gurisdizzjoni tiddeciedi jekk meta l-Awtorita' irrispondiet b'dak il-mod, kienitx gia' ippregudikat il-kaz.

**Il-partijiet ma indikawx lill-Qorti sija taht liema provvediment qed issir il-kawza u lanqas taht liema wiehed qed issir din l-eccezzjoni. Madankollu ma jezistux fil-fehma tal-Qorti ragunijiet ghala hija ghandha tilqa' din l-eccezzjoni. Ghalhekk l-eccezjoni qed tigi respinta.**

**Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------